MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 453/2005

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Reno Tonna**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Frar 2005 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm562.98 (hames mija tnejn u sittin Lira Maltin u tmienja u disghin centezmu) rapprezentanti danni ikkagunati f'cables.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Rapprezentanti danni kkagunati lil cables tal-korporazzjoni attrici li jinsabu fi Triq il-Kbira, Hal Balzan fl-4 ta' Marzu 2003.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 1 ta' Settembru 2003 u ta' l-ittra legali datata 27 ta' Novembru 2003 u bl-imghax legali mid-data ta' l-incident sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Il-konvenut mhux responsabbli ghall-hsara allegatament subita mill-korporazzjoni attrici.
2. Ghalhekk fejn jirrigwarda l-konvenut ma hemmx danni x'jigu likwidati favur il-korporazzjoni attrici. Fi kwalunkwe kaz u **bla pregudizzju** ghall-premess, il-korporazzjoni attrici ghandha ggib il-prova tad-danni skond il-ligi.
3. Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' danni favur il-korporazzjoni attrici.
4. **Bla pregudizzju ghall-premess,** it-talba ghall-hlas tal-imghax kif dedotta hija legalment insostenibbli stante li l-imghax legali 'se mai' jiddekorri mid-data tan-notifika tal-att gudizzjarju.
5. Salvi eccezzjonjiet ohra premessi mil-ligi u bl-ispejjes kontra l-atturi.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kawza tikkoncerna hsarat ikkagunati mill-konvenut waqt li qed jaghmel xogholijiet ta' natura urgenti biex isewwi l-katusi tad-drenagg tal-klienti tieghu. Ex admissis kien hu li ghamel ix-xoghol, li hu kkaguna l-istess u li hu avza mill-ewwel lill-Korporazzjoni.

Id-difiza tieghu hija cirkostritta b'zewg affarijiet. Wahda illi kien xoghol ta' natura urgenti u kellu l-approvazzjoni biex jillesti x-xoghol mill-Kunsill Lokali ta' Hal Balzan u fit-tieni lok meta bdew ihaffru biex isibu l-hsara fil-katusi tad-drenagg il-cables tal-elettriku propjeta` tal-Korporazzjoni attrici ma kienux mghotija jew indikati kif suppost.

Jekk wiehed jezamina d-dokumenti ezebieti mis-Segretarja Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta’ Hal Balzan jirrizulta illi l-istess xoghol kien awtorizzat. Pero` jekk wiehed ikompli jara l-permessi moghtija anki dak mill-Awtorita` tat-Transport a fol 55 il-fatt li tigi ottenuta l-awtorizzazzjoni sia mill-Kunsill Lokali u sia mill-Awtorita` dwar it-Transport ta’ Malta biex isir xoghol ta’ natura urgenti ma jezumix lill-istess kuntrattur milli jsegwi proceduri normali sabiex l-istess xoghol isir. F’din il-procedura il-konvenuta stess kien jaf, di fatti xeheda fis-seduta tat-12 ta’ Lulju 2005.

L-istess Tonna ma kienx novell biex jaghmel dan it-tip ta’ xoghol pero` huwa ha riskju illi jaghmel l-istess xoghol anchor che ma gewx in-nies tal-Korporazzjoni biex jindikawlu minn fejn kienu ghaddejjin il-cables taghhom u huwa kien jaf illi qabel ma jibda l-istess xoghol kelli igib dawn in-nies. Di fatti ha l-isbrigu li jcempel darba, darbtejn lil dawn in-nies pero` meta dawn in-nies ma gewx huwa qabad u beda x-xoghol kif ga inghad minhabba n-natura ta’ urgenza u / jew emergenza li kien hemm billi kien qed jidhol id-drenagg ghand in-nies.

Ha l-prekawzjonijiet in vista li ma kienx jaf fejn qed ihaffer billi beda jhaffer b’idejhom pero` meta gie f’certu profondita` uza l-“bucket” u f’dak il-mument il-cable spara.

Mistoqsi ghaliex ma qghadx jistenna biex jigu n-nies huwa qal illi n-natura tax-xoghol kienet tirrikjedi. Dan ifisser illi l-istess kuntrattur avolja kien jaf x’inhi l-procedura biex isir dan ix-xoghol, u avolja lin-nies tal-Korporazzjoni biex jigu u ma gewx, huwa assuma fuqu r-responsabbilta` ta’ riskju illi seta’ jigri xi haga kif effettivament gara u ghalhekk ghandu jirrispondi ghall-istess.

F’dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza minnu moghtija fil-6 ta’ Frar 2002 Avviz Nru 577/01 fl-ismijiet “Korporazzjoni Enemalta vs Calex Limited” fejn kien gie deciz li min jiehu riskju avolja kien jaf li ma kienx qieghed jimxi skond il-procedura kellu ad inizio jassumi u jirrispondi ghall-hsara minnu kagunata kif effettivament gara f’dal-kaz.

Il-quantum tad-danni ma giex kontestat u ghalhekk qed jigi akkordat.

Jiddeciedi li fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' hames mija u sittin lira u tmienja u disghin centezmu (Lm560.98), bl-imghax u interessi mill-1 ta' Settembru 2003, datata tal-prezentata ta' l-ittra ufficjali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------